MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-12 ta' Ġunju, 2020

Appell Inferjuri Numru: 47/2017/1 LM

**Maria Speranza Magro (K.I. numru 44664M) u okkorrendo żewġha Nicholas Magro**
***(l-appellanti)***

***vs.***

**Mary Duca (K.I. numru 594757(M))**
***(l-appellata)***

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-appellanti **Maria Speranza Magro u żewġha Nicholas Magro** mis-sentenza mogħtija fit-25 ta' Ġunju, 2019, [minn

issa ’l quddiem “is-sentenza appellata”], mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa ’l quddiem “l-ewwel Qorti”], li permezz tagħha ddeċidiet billi laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-appellata **Mary Duca**, filwaqt li ċaħdet it-talbiet tal-appellanti bl-ispejjeż kontrihom.

**Fatti**

2. Il-fatti ta’ din il-kawża jirrigwardaw somma li l-appellanti qegħdin jallegaw li hija dovuta lilhom rappreżentanti l-valur ta’ diversi oġġetti tad-deheb u ta’ ħaġar prezzjuż li skont huma l-appellata serqet mid-dar tal-mejta Josephine sive Ġuża Cacciattolo, omm l-appellanta Maria Speranza Magro.

**Mertu**

3. L-appellanti istitwew dawn il-proċeduri permezz tal-preżentata ta’ rikors quddiem l-ewwel Qorti fis-17 ta’ Frar, 2017, fejn ħarrku lill-appellata sabiex tgħid għaliex m’għandiex tiġi kkundannata tħallas is-somma ta’ disat elef u tlett mitt Euro (€9,300) rappreżentanti l-valur tal-oġġetti tad-deheb u ħaġar prezzjuż li fuq ammissjoni tagħha stess kienet serqet mid-dar tal-mejta Josephine sive Ġuża Cacciattolo, jiġifieri mill-fond numru 11, Drake, Triq Bormla, Raħal il-Ġdid, u dan bl-imgħax mis-26 ta’ Jannar, 2016, u bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta’ deskrizzjoni u dawk tal-mandat ta’ qbid ippreżentati kontestwalment.

4. L-appellata ppreżentat ir-risposta tagħha fil-25 ta' April, 2017, fejn eċċepiet is-segwenti: (i) it-talbiet tal-appellanti kienu infondati fil-fatt u fid-dritt stante li hija ma kienet ikkommettiet l-ebda serq kif allegat; (ii) l-appellanti kellhom iġibu prova li l-appellanta kienet l-werrieta tal-mejta Josephine sive Ġuża Cacciattolo, kif ukoll kellhom iressqu prova fir-rigward tal-oġġetti allegatament misruqa; (iii) l-imgħaxijiet ma kinux dekorribbli mid-data indikata; (iv) il-kap tal-ispejjeż kellu jiġi sopportat mill-appellanti għaliex il-proċeduri odjerni kienu ġew intavolati mingħajr preavviż u wkoll inutilment; u dan salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

## Is-Sentenza Appellata

5. L-ewwel Qorti fis-sentenza appellata għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Ikkunsidrat;*

*Illi f'din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu li l-konvenuta tiġi kkundannata tħallas il-valur tal-oġġetti ta' deheb u ġojellerija li hija allegatament serqet mingħand Josephine sive Ġuza Cacciattolo minn ġol-fond 11, Drake, Triq Bormla, Raħal il-Ġdid. L-azzjoni saret mill-attriċi Maria Speranza Magro fil-kwalità tagħha bħala l-unika werrieta universali tal-imsemmija Josephine Cacciattolo.*

*Mill-provi jirriżulta illi l-konvenuta kienet tieħu ħsieb omm l-attriċi, l-imsemmija Josephine Cacciattolo, billi kienet tmur għandha kuljum tgħinha, taħslilha u żżommilha kumpannija. Il-konvenuta fix-xhieda tagħha quddiem il-Qorti stqarret illi huwa minnu li hija kienet ħadet xi affarijiet tad-deheb li jappartjenu lill-imsemmija Josephine Cacciattolo, u stqarret ukoll li hekk kif l-attriċi infurmatha li d-deheb kien tagħha u mhux ta' ommha, qaltilha li kienet disposta li troddilha lura l-valur tad-deheb.*

*Mill-atti jirriżulta wkoll illi kienu ttieħdu proċeduri kriminali kontra l-konvenuta in konnessjoni ma' dan is-serq, fejn kienet instabet ħatja ta' serq aggravat ta' deheb a*

*dannu tal-attriċi u/jew ommha Josephine Cacciattolo, u ġiet ikkundannata b'sentenza tat-28 ta' Settembru 2017.*
*Il-konvenuta fix-xhieda tagħha fissret ulterjorment illi għalkemm huwa minnu li kienet ħadet diversi effetti tad-deheb, omm l-attriċi kienet ukoll tatha minn jeddha xi deheb liema deheb iżda, hija laħqet biegħetu lil ċertu Lanzon Jewellery ġewwa Raħal il-Ġdid u ma għandhiex riċevuti. Din il-verżjoni hija in sostanza l-istess waħda li l-konvenuta kienet tat fl-istqarrija li rilaxxat lill-Pulizija in segwitu għar-rapport li għamlet l-attriċi rigward is-serq tal-ġojjellerija u deheb ta' ommha, liema stqarrija ġiet rilaxxata fl-20 ta' Jannar 2016 bid-debiti salvagwardji tad-dritt għal smigħ xieraq. F'din l-istqarrija il-konvenuta, filwaqt illi ammettiet illi kienet ħadet xi oġġetti tad-deheb ad insaputa ta' omm l-attriċi, qalet li l-istess Ġuża Cacciattolo kienet minn jeddha tagħtiha xi deheb bħala rigal.*

*Kif ġie osservat il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet* ***George Busuttil vs Mario Muscat et*** *(fn. 3 Deċiża fis-27 ta' Ġunju 2006), wara li għamlet referenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***Carbonaro vs Ryan****, deċiża fit-28 ta' Jannar, 2004:-*

"Ġudikant f'kawża ċivili jista' jagħmel riferenza għall-provi raccolti fil-proċedimenti kriminali, u s-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti hija ammissibbli bħala prova (ara wkoll **"Briffa vs Abela"**, deċiża wkoll minn din il-Qorti fit- 28 ta' Marzu, 2003)."

*Miżmum ferm ix-xhieda tal-konvenuta fil-proċeduri odjerni u l-kontenut tal-istqarrija tagħha, din il-Qorti ftit għandha dubju illi l-konvenuta serqet diversi oġġetti tad-deheb mid-dar ta' omm l-attriċi. Hija ammettiet ir-responsabbilità tagħha, liema responsabbilità tidher ukoll mill-konklużjoni milħuqa mill-qorti ta' kompetenza kriminali fil-proċeduri kriminali li ttieħdu kontra tagħha (fn. 4 Ara sentenza a fol. 25* et seq.)

*Ikkunsidrat;*

*Madankollu, irid jitqies ukoll il-fatt illi l-konvenuta fl-istqarrija li rrilaxxat lill-Pulizija, kienet diġà caħdet illi hija serqet l-oġġetti* <u>kollha</u> *elenkati fil-list li ppreżentat l-attriċi f'din il-kawża. Fi kliemha stess, kif jirriżulta mill-istqarrija, hija qalet li Ġuża Cacciattolo kienet tatha "*xi ħamsa jew sitt affarijiet". *Effettivament, il-konvenuta tiċħad illi serqet is-segwenti oġġetti u tgħid illi dawn ingħatawlha bħala rigal minn Ġuża Cacciattolo:-*

- "ġiżirana, tagħtni waħda bil-pendent blu, ieħor bis-salib, u ċurkett, dawk żgur."

- "koċċ imbarazz, kienu misluta waħda, u kienet tagħthomli. Kien hemm xi labra u xi pendent b'ħolqa tonda."

*Imbagħad, meta xehdet minn jeddha fil-kawża odjerna, il-konvenuta mmarkat fuq kopja (fn. 5 Dok. MD1 a fol. 72* et seq.*) tal-lista esebita mill-attriċi, - liema lista fiha deskrizzjoni dettaljata ta' kull oġġett allegatament nieqes mid-deheb ta' Ġuża Cacciattolo - total ta' tmien oġġetti li hija tgħid li ngħatawlha bħala rigal minn omm l-attriċi, u dan fuq medda ta' għaxar snin. Dawn huma:-*

- Ġiżirana ta' tul (40cm) app. – 290 Euro.
- Labra tan-nisa (tal-pavru) b'ħaġra blue – 300 Euro
- Ċurkett tan-nisa b'ħaġra blue – 190 Euro.
- Ċurkett tal-irġiel kwadru fit-tawwali fuqi kellu qisu s-salib ta' tmien Gj
- Ċurkett antik ovali b'ħaġra f'lewn is-sadid fil-kannella b'kitba jew salib lhudi – 300 Euro.
- Ċappetta tan-nisa mingħajr domna mdendla – 190 Euro.
- Par imsielet (qishom pezz ta' sulfarini) twal – 230 Euro.
- Imsielet tawwalini bi 3 fosos - 250 Euro.

*Għalkemm hija l-fehma tal-Qorti illi l-verżjoni tal-konvenuta illi uħud mill-oġġetti li allegatament instabu neqsin wara l-mewt tal-allegata derubata ingħataw bħala donazzjoni u ma ġewx misruqa, hija waħda pjuttost odjuża għaliex fiċ-ċirkostanzi, wara l-mewt tad-derubata, diffiċilment tista' tiġi kuntrastata,* ***xorta waħda l-attriċi, fid-dawl ta' din il-verżjoni, tibqgħalha l-oneru li turi illi effettivament, l-oġġetti elenkati fil-lista esebita in atti, mhux biss kellhom ikunu eżistenti fil-patrimonju u pussess ta' ommha fid-data tal-mewt tagħha, iżda wkoll illi nsterqu <u>kollha</u> mill-konvenuta.***

*Ikkunsidrat;*

*Iżda l-attriċi fit-testimonjanza xotta tagħha f'din il-kawża, ma qalet xejn dwar meta saret taf illi l-oġġetti indikati fil-lista li esebiet fl-atti, naqsu mid-dar ta' ommha, u lanqas fissret għaliex dawn l-oġġetti kellhom ikunu fil-pussess ta' ommha. Ma jirriżultax lanqas mill-provi li ressqet l-attriċi meta u minn min ġie kompilat dan l-inventarju, x'tagħrif intuża biex jiġi kompilat, jew kif inħadmu l-valuri attribwiti lil kull oġġett. Żewġha Nicholas Magro, li jidher li ffirma wkoll fuq wieħed mill-elenki, lanqas xehed f'dawn il-proċeduri.*

*Konformement, il-Qorti ma tqisx li huwa f'loku dak li ġie sottomess mill-attriċi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, ċioé illi hija ppruvat illi d-deheb li kien hemm fid-dar ta' ommha l-attriċi ma nstabx: il-Qorti għandha biss l-ammissjoni tal-konvenuta illi ħadet*

*diversi oġġetti tad-deheb mid-dar ta' omm l-attriċi mingħajr ma kellha jedd, iżda ma għandhiex ammissjoni* ***assoluta*** *illi hija ħadet id-deheb* ***kollu*** *li hemm indikat fil-lista esebita (fn. 6 Jiġi osservat ukoll illi l-attriċi lanqas hija korretta meta fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha qalet li ġabet prova illi hija kienet ippreżentat l-inventarju in kwistjoni fil-proċeduri kriminali: dan ma jirriżultax mis-sentenza, u lanqas jirriżulta illi l-konvenuta kienet ammettiet għall-akkużi jew illi kienet serqet l-oġġetti kollha li ġew indikati fuq xi lista partikolari).*

*Huwa evidenti illi l-attriċi, in sostenn tat-talbiet tagħha f'din il-kawża, tistrieħ* ***esklussivament*** *fuq is-sejbiet ta' ħtija tal-konvenuta għar-reat ta' serq permezz tas-sentenza tat-28 ta' Settembru 2017. Madanakollu, il-Qorti tqis illi anke kieku l-attriċi xehdet quddiem il-Qorti u kkonfermat illi d-deheb kollu ta' ommha sparixxa kollu mill-post fejn kien jinżamm – ħaġa li m' għamlitx – dan ma jindikax awtomatikament li dan id-deheb,* ***kollu kemm hu,*** *spiċċa f'idejn il-konvenuta. Huwa minnu, kif diġà ngħad, illi l-konvenuta kkonfermat li ħadet, mingħajr ma kellha l-jedd, diversi effetti tad-deheb mingħand Ġuża Cacciattolo fosthom uħud mill-oġġetti elenkati fl-inventarju esebit mill-attriċi ; madanakollu, din ix-xhieda tal-konvenuta trid tittieħed fl-isfond li hemm prova (fn. 7 Ara fir-rigward:* ***Alfred Agius vs Angelo Cutajar et*** *- deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Settembru 2006).*

*Ikkunsidrat;*

*Fl-istqarrija tagħha l-konvenuta* ***ammettiet*** *li ħadet bla jedd, is-segwenti oġġetti speċifiċi:-*

- Ċurkett tal-iskorpjun u ċrieket;
- Ċrieket tal-irġiel;
- Imsielet: misluta waħda tal-ġawhar forma ta' fjura u misluta b'disinn maqlugħ 'il barra.

*Iżda l-Qorti tosserva illi fix-xhieda tagħha quddiem il-Qorti l-konvenuta stqarret li kienet taqbad u tieħu xi ħaġa <u>kull meta kien ikollha bżonn</u> u dan biex issarrafha fi flus. Qalet ukoll illi kienet ħadet borża mimlija bil-biċċiet tad-deheb u meta ġiet mistoqsija mill-Qorti biex tindika minn fuq il-lista liema kienu l-oġġetti li hija kienet serqet, hija ma setgħetx tagħmlu għaliex ma kienetx tagħti każ x'kienet tieħu: "*Anqas kważi naf x'inhuma jien*". Dan kollu jikkonvinċi lill-Qorti illi l-konvenuta ħadet mingħand id-derubata* ***ħafna iktar oġġetti minn dawk li indikat oriġinarjament fl-istqarrija tagħha.***

*Madanakollu, fl-istess ħin, il-Qorti ma tħossx li għandha tiskarta l-verżjoni tal-konvenuta illi, għalkemm serqet diversi oġġetti mingħand omm l-attriċi, u ddeskriviet*

*ukoll b'ċertu preċiżjoni uħud mill-oġġetti li ħadet mingħajr ma qagħdet tillimita ruħha għal dawk ta' valur żgħir, qalet ukoll illi Ġuża Cacciattolo kienet tatha minn jeddha xi effetti minn dawk elenkati fl-inventarju esebit fl-atti, bħala rigal. Kif ingħad diġà, il-konvenuta ċaħdet konsistentement illi hija ħadet l-oġġetti* **kollha** *l-oħra elenkati fil-lista esebita mill-attriċi, tant illi tgħid li ċ-ċintell ta' mal-għonq, li huwa l-ewwel oġġett elenkat fuq il-lista, qatt ma ratu u tiċħad ukoll li qatt kien għand Ġuża Cacciattolo:-*

"Dak qatt ma rajtu u ommha kienet tgħidli li dak żewġha qed jixtrilha l-affarijiet għal miegħu allura ma jistax ikun li kien hemm żgur qatt."

*Xehdet ukoll illi hija qatt ma ratt għand omm l-attriċi, il-ġirakoll elenkat fil-lista esebita in atti u caħdet illi Ġuża Cacciattolo kellha xi ġirakoll.*

*Ikkunsidrat;*

*Il-Qorti tqis illi l-unika prova li hemm fl-atti dwar l-oġġetti attwalment misruqa mill-konvenuta hija effettivament il-konfessjoni parzjali tal-konvenuta illi hija serqet ammont ta' deheb u ġojjellerija, u xejn iktar. Fin-nuqqas ta' provi oħrajn, il-Qorti ma taqbilx illi tista' twarrab kompletament dak li xehdet il-konvenuta billi tqis il-konfessjoni tagħha bħala waħda assoluta meta huwa evidenti illi l-konvenuta kienet konsistenti fil-verżjoni tagħha illi hija ma serqitx kollox.*

*Il-Qorti għal dawn ir-raġunijiet, filwaqt li hi tal-fehma li l-konvenuta ġiet mogħtija biss l-effetti tad-deheb minnha indikati fix-xhieda tagħha f'din il-kawża (fn. 8 Xhieda tad-29 ta' Novembru 2019), hija tal-fehma illi* ***l-oġġetti l-oħra kollha elenkati fl-inventarju - għajr għall-ewwel oġġett li l-konvenuta caħdet li kien għand omm l-attriċi, anzi tgħid illi kien għand l-attriċi stess – ittieħdu mill-konvenuta mingħajr ebda jedd u kwindi għandha trodd il-valur ta' dawn l-oġġetti lil min għandu jedd għalihom.***

*Ikkunsidrat;*

*Stabbilit dan iżda, jirriżulta illi l-azzjoni tal-attriċi tirriskontra diffikoltà oħra meta wieħed iqis il-provi li l-istess attriċi ressqet in sostenn tat-talba tagħha għall-ħlas tal-valur tal-oġġetti li allegatament insterqu mill-konvenuta. Dan għaliex kull ma għandha quddiemha l-Qorti huwa fotokopja ta' inventarju b'valuri indikati riferibbilment għal kull oġġett imniżżel fil-lista, u x-xhieda tal-attriċi fejn ikkonfermat it-total tal-valuri indikati fil-lista,* ***u xejn iktar.***

*Ma jista' jkun hemm l-ebda dubju li l-oneru tal-prova anke fir-rigward tal-valur tal-oġġetti allegatament misruqa, liema prova hija* **fondamentali** *għas-suċċess tat-talba attriċi għall-ħlas tal-valur tal-oġġetti allegatament misruqa, jinkombi fuq min jallega l-*

*fatt u mhux fuq min jinnegah. Għalhekk, f'dan il-każ,* ***l-oneru tal-prova tas-serq u tal-oġġetti misruqa, kif ukoll tal-valur ta' dawn l-oġġetti,*** *jinkombi strettament fuq l-attriċi. Kif ingħad, għalkemm hemm provi biżżejjed li l-konvenuta kkommettiet serq, u li serqet uħud mill-oġġetti indikati fid-dokumenti esebiti mill-attriċi (fn. 9 A fol. 2 sa 5 tal-atti.), l-istess ma jistax jingħad fir-rigward tal-valur tal-oġġetti.*

*Fis-sentenza tagħha tal-31 ta' Ottubru, 2003, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet hekk:-*

"Illi in tema legali, il-Qorti tosserva li d-dubju f'dan ir-rigward għandu jmur favur il-konvenut in kwantu huwa l-obbligu tal-attur li jipprova l-allegazzjonijiet tiegħu; u dan fuq l-istregwa tal-massima: incumbit probatio ei qui dicit non ei qui negat

...

Illi Qorti tosserva li in materja ta' prova, ir-regola hi li sabiex il-provi ikunu sostenibbli għandhom ikunu sodisfaċenti u tali li jikkonvinċu lil Qorti ġudikanti li l-livell tal-valur probatorju ikun wieħed raġjonevolment aċċettabbli. "Il-kawżi ma jinqatgħux fuq supposizzjonijiet [jew konġetturi] imma fuq provi li jridu jkunu ta' ċertu livell u li jissodisfaw lill-Qorti min għandu l-oneru li jipprova xi fatt partikolari". [Vol.LXXXII.II.210]." (fn. 10 **Francis Said vs Joseph Gatt, u b'digriet tat-3 ta' Ġunju 1994 ġie kjamat in kawża r-Reġistratur tal-Qorti**)

*Għalkemm il-qorti ta' kompetenza kriminali fis-sentenza li kkundannat lill-konvenuta għas-serq ta' oġġetti appartenenti lil Josephine Cacciattolo, għamlitha ċar illi kwantu għad-determinazzjoni tal-valur tar-*res furtiva*, dan l-eżercizzju għandu jsir mill-qorti ċivili kompetenti, ma jidhirx illi l-attriċi għamlet dan l-ezerċizzju diligentement. Il-Qorti hija tal-fehma li l-prova diretta sabiex jiġi stabbilit il-valur tal-oġġetti li l-attriċi qed titlob il-ħlas, u allura l-konsegwenzjali likwidazzjoni tad-danni, huma dgħajfa u insodisfaċjenti u addirittura inaċċettabbli.*

*Il-Qorti tqis illi l-figuri indikati riferibbilment għal kull oġġetti imniżżel fiż-żewġ listi esebiti in atti (fn. 11 A fol. 2 sa 5 tal-atti.), ma jistgħux jiġu kunsidrati bħala bażi legalment valida ta' komputazzjoni tal-valur tal-oġġetti in kwistjoni,* multo magis*, meta ma jirriżultax kif inħadmu dawn il-valuri, ma jirriżultax lanqas illi l-atturi kisbu l-parir tekniku ta' espert in materja biex jagħti mqar valur approssimattiv bi tqabbil ma' oġġetti simili li, in mankanza ta' provi oħra, seta' forsi jagħti indikazzjoni tal-valur ġust u reali tal-oġġetti in kwistjoni. Jiġi osservat illi effettivament, l-attriċi lanqas xehdet biex titfa' dawl fuq kif waslet għal dawn il-figuri u mkien fis-testimonjanza tagħha għamlet imqar referenza għal-listi esebiti in atti.*

*Għalkemm il-Qorti tirrikonoxxi illi seta' kien hemm diffikoltà prattika biex l-valur jiġi verifikat bi preċiżjoni, billi l-oġġetti m'humiex fil-pussess tal-atturi, dawn il-fatti ma jidderogawx mill-prinċipju legali li l-oneru tal-provi tibqa' dejjem fuq l-attur, li jibqa' obbligat jressaq il-provi in sostenn tat-talbiet tiegħu, liema provi iridu jkunu wkoll sodisfaċfjenti, u ċertament ma jintitolawx lill-attur jippretendi li l-prova tal-valur issir bis-supposizzjonijiet u konġetturi. Wara kollox, ma jirriżultax mill-atti li hemm xi prova illi l-konvenuta ammettiet jew wegħdet illi sejra tħallas lura l-valur mitlub mill-attriċi jew il-valuri indikati fuq il-lista esebita.*

*Għaldaqstant din il-Qorti, hija tal-fehma li t-talba għall-kundanna għall-ħlas tal-valur tal-oġġetti allegatament misruqa, ma tistax tiġi milqugħa, minħabba nuqqas ta' provi sodisfaċjenti fl-atti fir-rigward.*

*Ikkunsidrat ulterjorment;*

*Stabbilit dan kollu, il-Qorti ma tistax twarrab lanqas konsiderazzjoni fondamentali oħra li twassal neċessarjament u f'kull każ għall-falliment tal-azzjoni attriċi, u dan irrispettivament mill-konsiderazzjonijiet l-oħra kollha diġà magħmula. Dan qed jingħad għaliex* ***minkejja it-tieni eċċezzjoni li giet sollevata mill-konvenuta fir-Risposta tagħha****, l-attriċi naqset milli tressaq il-prova illi bħala l-unika werrieta ta' ommha, setgħet tressaq l-azzjoni odjerna għall-ħlas tal-valur tal-oġġetti allegatament misruqa mingħand id-defunta ommha.*

*Il-Qorti tosserva illi l-fatt li l-attriċi Maria Speranza Magro hija bint Josephine Cacciattolo, ma jfissirx awtomatikament li hija l-eredi tagħha jew li aċċettat l-eredità ta' ommha: għalkemm l-oneru tal-prova kien jinkombi fuq l-atturi, ma nġabitx prova u ma jirriżultax mill-atti li l-attriċi hija effettivament il-werrieta ta' ommha. Eżami tar-rikors promotur ta' din l-azzjoni ftit tħalli dubju li l-azzjoni attriċi hija msejsa kollha kemm hi fuq il-premessa li l-attriċi qed taġixxi għall-ħlas tal-valur tal-oġġetti allegatament misruqa, fil-kapaċità tagħha bħala l-unika werrieta tal-mejta Josephine Cacciattolo, iżda l-attriċi la fix-xhieda tagħha u lanqas fir-Rikors promotur ma ddikjarat li hija bint Josephine Cacciattolo u wisq anqas fissret b'liema mod għandha titqies bħala l-werrieta, leġittima jew testamentarja, tagħha.*

*Il-Qorti tqis illi l-korollarju inevitabbli ta' dan in-nuqqas ta' prova, huwa illi l-atturi ma ressqux prova dwar l-interess ġuridiku tagħhom f'din il-kawża. Din il-konklużjoni hija rinforzata mill-fatt illi l-interess ġuridika pretiż mill-attriċi Maria Speranza Magro* qua "werrieta unika" *tal-mejta Josephine Cacciattolo ġie speċifikatament ikkontrastat mill-konvenuta bit-tieni eċċezzjoni tagħha li testwalment tgħid hekk:-*

"Illi ... l-attriċi trid tipprova li hija werrieta tal-mejta Josephine Cacciattolo."

*Il-Qorti ma tistax tiskarta l-eċċezzjoni tal-konvenuta u għanda tieħu konjizzjoni tagħha. Wara kollox, kif inhuwa ben risaput, il-ħtieġa li fl-attur jeżisti l-interess ġurdiku li jippromwovi l-azzjoni, tesiġi li min jiftaħ kawża jrid juri li għandu l-interess li mhux biss jiskaturixxi minn xi dispożizzjoni tal-liġi in kwantu dik il-liġi tkun qed tiġi invokata, imma wkoll wieħed attwali u dirett. Ġie ritenut illi:-*

"...min jistitwixxi azzjoni jrid bilfors ikollu xi dritt – 'l'azione civile non può essere promossa che per far valere un diritto, e da colui a cui il diritto spetti. Mancando l'uno e l-atro di questi requisiti, l'azione è infondata ed inammissibile.' (fn.12 **Edgar Baldacchino et vs Rosie Bellizzi et**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Lulju 1952.).

*F'dan il-każ m'hemmx dubju illi l-atturi kellhom kull opportunità u kienu appuntu imsejħin biex jepuraw l-istat ta' werrieta vantat mill-attriċi, u jġibu prova konkludenti dwar l-interess ġuridiku biex tiġi proposta l-azzjoni iżda minflok, għażlu li ma jagħmlu xejn fir-rigward. Il-Qorti żgur mhux sejra tagħmel konġetturi u presunzjonijiet li ma ġewx sorretti mill-provi biex tiddetermina it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta għaliex l-inferenza qatt ma hija biżżejjed biex jiġi determinat l-eżistenza ta' jedd.*

*Kif ġie ritenut reċentement mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet* ***Emily Stivala et vs Paola Tabone*** *li ttrattat eċċezzjoni analoga għal dik in eżami:-*

"Minn eżami tal-atti proċesswali disponibbli lill-ewwel Qorti diġà jirriżulta manifest illi l-atturi ma ressqu la xhieda u lanqas provi dokumentali in sostenn tal-istat minnhom vantat ta' eredi tad-decuius u dan in-nuqqas jassumi iktar relevanza u gravità fil-qafas tal-eċċezzjoni fuq riprodotta, b'liema eċċezzjoni ġie impost fuq l-attur mhux biss l-oneru li jipprovaw l-interess ġuridiku tagħhom fl-azzjoni minnhom proposta, iżda wkoll l-oneru speċifiku li jipprovaw li huma l-eredi tad-decuius Joseph Grech. Għalhekk, fin-nuqqas ta' din il-prova, l-azzjoni attriċi ma tistax tirnexx."

*Il-Qorti f'dik il-kawża appena ċitata kkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti u ddecidiet illi fin-nuqqas tal-atturi li jressqu l-prova dwar l-interess ġuridiku tagħhom fl-azzjoni,* multo magis *meta ġew rinfaċċjati b'eċċezzjoni li tirrikjedi l-prova li huma l-eredi tad-decuius, l-azzjoni tagħhom kellha tfalli."*

## **L-Appell**

6. L-appellanti ppreżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom fit-3 ta' Lulju, 2019, flimkien ma' diversi dokumenti rilevanti għat-tieni eċċezzjoni tat-tieni eċċezzjoni tal-intimata, hawnhekk appellata, u talbu lil din il-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata filwaqt li tilqa' it-talbiet tagħhom. Jgħidu li jħossu ruħhom aggravati bid-deċizjoni tal-ewwel Qorti għaliex (i) huwa minnu li huma kienu naqsu milli jesebixxu kopja tat-testment ta' omm l-appellanta sabiex jintwera li hija kienet l-unika werrieta tagħha, iżda din il-kwistjoni kienet ilha oltrepassata; u (ii) l-ewwel Qorti kienet skorretta meta sostniet li l-appellanti kellhom l-oneru tal-prova li l-oġġetti elenkati fil-lista esebita kienu attwalment jeżistu fil-patrimonju u fil-pussess tal-mejta Josephine Cacciattolo u li dawn insterqu mill-appellata.

## **Ir-Risposta tal-Appell**

7. L-appellata tilqa' billi preliminarjament twieġeb li d-dokumenti esebiti mar-Rikors tal-Appell għandhom jiġu sfilzati għaliex dan huwa stadju ta' *doppio esame*. Tkompli billi tispjega li l-appellanti ma mxewx skont il-proċedura apposita u b'hekk naqsu milli jressqu talba lil din il-Qorti għall-permess għall-preżentata ta' dawk id-dokumenti. Dwar iż-żewġ aggravji mressqa mill-appellanti, tissottometti li *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat* u

ssostni li huma ma jistgħux ifarfru n-nuqqasijiet tagħhom fuq l-ewwel Qorti u wkoll jitfgħu l-oneru tal-prova tagħhom fuq l-appellata.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellanti, flimkien mar-risposta tal-appellata, u dan fid-dawl ta' dak li qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

9. L-appellanti fl-ewwel lok iħossuhom aggravati bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti dwar il-fatt illi huma naqsu milli jippreżentaw kopja tat-testment ta' omm l-appellanta, fejn l-istess appellanta ġiet nominata bħala l-unika werrieta tagħha. Huma jispjegaw dan billi jgħidu li l-appellata kienet ammettiet is-serq tal-oġġetti kemm fl-istqarrija li rilaxxjat lill-Pulizija u quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), filwaqt li l-punt tat-tluq tax-xhieda tal-appellata u dik tal-Ispettur Kylie Borg, kif ukoll tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), kien proprju l-fatt li l-appellanti hija bint u l-unika werrieta ta' ommha Josephine Cacciattolo. Jissottomettu li peress li huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati li fejn huwa possibbli m'għandhomx iħallu l-kawżi jiżdiedu, huma kienu qegħdin jehmżu kopji awtentikati tat-testment magħmul minn Gerard Cacciattolo u martu Josephine Cacciattolo, tad-dikjarazzjoni *causa mortis* magħmula mill-appellanti wara l-mewt ta' missierha u dik magħmula wara l-mewt ta' ommha Josephine Cacciattolo. Huma jgħidu li dan kienu qegħdin jagħmluh *ai termini* tal-artikolu 145 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu, huma qegħdin jitolbu l-permess ta' din il-Qorti sabiex tammetti l-provi ġodda u b'hekk jiġu evitati proċeduri oħra.

10. L-appellata toġġezzjona bil-qawwa kollha għall-preżentata tal-imsemmija dokumenti għaliex il-proċedura kienet titlob li l-appellanti jressqu t-talba tagħhom għall-preżentata tad-dokumenti permezz ta' rikors. L-appellata tgħid li l-appellanti kienu qegħdin jagħtu interpretazzjoni żbaljata tal-artikolu 145 tal-Kap. 12 u hawnhekk tagħmel riferiment għal dak li qalet din il-Qorti kif diversament preseduta fis-sentenza tagħha tas-17 ta' Ġunju, 2019 fl-ismijiet **Maria Dolores Falzon et** *vs.* **Monica u Michael konjuġi Debarro et**.[1] L-appellata tinsisti li d-dokumenti inkwistjoni kienu a dispożizzjoni tal-appellanti meta kienu għadhom qed jinstemgħu l-proċeduri quddiem l-ewwel Qorti.

11. Issa l-ewwel Qorti għalkemm ikkunsidrat il-mertu qabel ma ttrattat it-tieni eċċezzjoni tal-appellata, fejn din eċċepiet li l-appellanti kellhom jippruvaw li l-appellanta kienet l-unika werrieta ta' ommha Josephine Cacciattolo, xorta waħda għarfet li l-fatt li l-appellanta kienet naqset milli tippreżenta l-prova rikjesta, kien iwassal għall-falliment tal-azzjoni tagħha minkejja kull konsiderazzjoni oħra li diġà saret. L-ewwel Qorti rrilevat li l-azzjoni tal-appellanta kienet imsejsa fuq il-premessa li hija kienet ipproċediet fil-kapaċità tagħha bħala l-unika werrieta ta' ommha Josephine Cacciattolo, iżda osservat li l-istess appellanti ma ddikjaratx dan kemm fix-xhieda tagħha, kif wkoll fir-rikors promotur. In-nuqqas ta' prova kien iffiser li l-appellanti ma kinux ressqu wkoll prova tal-interess ġuridiku tagħhom u b'hekk laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-

[1] 17.06.2019.

appellata filwaqt li ddikjarat li fin-nuqqas ta' tali prova l-azzjoni tal-appellanti ma setgħetx tirnexxi.

12. Kien proprju għalhekk li l-appellanti ppreżentaw il-prova tagħhom li l-appellanta kienet l-unika werrieta ta' ommha, flimkien mar-rikors tal-appell tagħhom. Kuntrarjament għal dak li qiegħda ssostni l-appellata, il-mod kif imxew l-appellanti permezz tal-preżentata tad-dokumenti relattivi flimkien mar-rikors tal-appell huwa permess mill-artikolu 145 tal-Kap. 12. B'dan però li tibqa' d-diskrezzjoni ta' din il-Qorti dwar jekk dawk id-dokumenti għandhomx jiġu ammessi jew le[2] u fil-każ odjern, jekk konsegwentement għandhiex tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellanti.

13. Anki jekk din il-Qorti taċċetta li d-dokumenti ppreżentati mill-appellanti huma vera kopja tal-oriġinal u mhux kopja tal-kopja awtentikata, issib li l-kopji taż-żewġ dikjarazzjonijiet *causa mortis* magħmulin mill-appellanta ilhom li saru min-nutara rispettivi sa mis-sena 2016. Sabiex saru dawn iż-żewġ atti, l-appellanta kienet ukoll fil-pussess tat-testment *unica charta* tal-ġenituri tagħha Gerard u Josephine Cacciattolo. Min-naħa tagħhom l-appellanti ma ressqu l-ebda prova jew raġuni tajba sabiex jispjegaw il-fatt li dawn id-dokumenti li kienu fil-pussess tagħhom meta istitwew il-kawża, ma ġewx ippreżentati fl-ebda stadju quddiem l-ewwel Qorti. Mhix aċċettabbli l-ispjegazzjoni tagħhom li permezz tax-xhieda tal-appellata u dik ix-xhieda konfermatorja tal-Ispettur Kylie Borg, kif ukoll permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fejn l-appellata nstabet ħatja ta' serq ta' diversi oġġetti mid-dar tal-mejta Josephine

[2] Ara l-artikolu 150 tal-Kap. 12.

Cacciattolo, il-punt ta' tluq li l-appellanta hija l-werrieta unika ta' ommha l-mejta kien ilu li ġie 'oltrepassat'. Kif sewwa qalet l-ewwel Qorti, mhux permissibbli għal qorti li tiġbed konklużjoni fl-assenza ta' prova.

14. Din il-Qorti tikkunsidra li l-appellanti kellhom a dispożizzjoni tagħhom mhux biss l-opportunità iżda wkoll żmien biżżejjed biex jippreżentaw id-dokumenti tagħhom, iżda huma naqqsu milli jagħmlu dan ukoll meta kellhom kontrihom eċċezzjoni li kienet qiegħda titlob il-prova li fuqha hija msejsa din l-azzjoni, jiġifieri li l-appellanta hija l-unika werrieta ta' ommha.

15. Għaldaqstant din il-Qorti ssib li l-ewwel aggravju tal-appellanti mhux ġustifikat u tiċħdu. Peress li fin-nuqqas ta' prova dwar l-interess li għandhom l-appellanti fil-proċeduri odjerni l-azzjoni ma tistax tirnexxi fil-mertu, din il-Qorti tikkunsidra li jkun inutli li jiġi trattat it-tieni aggravju tagħhom.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi mill-ewwel Qorti, filwaqt li l-ispejjeż ta' din l-istanza għandhom jitħallsu mill-appellanti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**